# NETWERKS TRANS-EWROPEJ — LINJI GWIDA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) iżomm in-netwerks trans-Ewropej (TENs) fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, li ssemmew l-ewwel darba fit-Trattat ta' Maastricht, sabiex jiġu kkollegati r-reġjuni kollha tal-UE. Dawn in-netwerks huma għodod maħsuba biex jikkontribwixxu għat-tkabbir tas-suq intern u għall-impjiegi, filwaqt li jsegwu l-objettivi ambjentali u dawk tal-iżvilupp sostenibbli. Fl-aħħar tal-2013 kien hemm riforma fundamentali tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 170 — 172 u 194(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (dan tal-aħħar b'referenza speċifika għall-enerġija).

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

## L-OBJETTIVI

It-Trattat ta' Maastricht ta lill-UE l-kompitu li tistabbilixxi u tiżviluppa netwerks trans-Ewropej (TENs) fl-oqsma tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija, sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tas-suq intern, tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta u dawk periferiċi jiġu kollegati mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, u t-territorju tal-UE jitqarreb lejn l-istati ġirien.

## IL-KISBIET

### A. Il-linji gwida u l-ideat ġenerali

Fil-White Paper tal-1993 dwar it-Tkabbir, il-Kompetittività u l-Impjiegi, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza fundamentali tat-TENs għas-suq intern, u b'mod partikolari għall-ħolqien tal-impjiegi, mhux biss permezz tal-bini tal-infrastruttura fih innifsu, iżda wkoll grazzi għar-rwol sussegwenti tagħhom fl-iżvilupp ekonomiku. Fl-1994, il-Kunsill Ewropew ta' Korfù u dak ta' Essen approvaw 14-il proġett prijoritarju (PP) għat-trasport u 10 PP għas-settur tal-enerġija.

## B. Il-miżuri leġiżlattivi settorjali

### 1. It-trasport

#### a. Il-linji gwida tal-1996

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tat-23 ta'Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T) stabbiliet il-parametri ġenerali għan-netwerk kollu kemm hu. Hija stabbiliet il-karatteristiċi tan-netwerk speċifiku għal kull mod ta' trasport u identifikat proġetti eliġibbli ta' interess komuni kif ukoll proġetti prijoritarji (PP). Saret enfasi fuq modi ta' trasport li ma jniġġsux l-ambjent, b'mod partikolari proġetti ferrovjarji. It-TEN-T jkopri t-territorju kollu tal-UE u jista' jiġi estiż għall-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u għall-pajjiżi sħab tax-Xlokk tal-Ewropa u tal-Mediterran. Fil-bidu kien jinkorpora l-14-il proġett ta' interess komuni adottati mill-Kunsill Ewropew ta' Essen. Id-Deċiżjoni Nru 1346/2001/KE tat-22 ta' Mejju 2001 li temenda l-linji gwida tat-TEN-T dwar il-portijiet fuq l-ibħra, il-portijiet fuq l-ibħra interni u t-terminals intermodali kkompletat "pjan ta' żvilupp tat-trasport" tal-Komunità għall-modi kollha ta' trasport.

#### b. Ir-reviżjoni tal-linji gwida TEN-T tal-2004

It-tkabbir tal-2004 u dak tal-2007, flimkien ma' dewmien serju u problemi ta' finanzjament — b'mod partikolari fir-rigward tat-taqsimiet transkonfinali — wasslu għal reviżjoni mill-qiegħ tal-linji gwida TEN-T. L-għadd ta' PP elenkati żdied għal 30, li kollha huma obbligati jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. Ġie introdott kunċett ġdid ta' "Awtostradi tal-Baħar" bl-għan li ċerti rotot marittimi jsiru aktar effiċjenti filwaqt li t-trasport marittimu fuq distanzi qosra jiġi integrat mat-trasport bil-ferrovija.

Fl-2005 nħatru sitt "koordinaturi Ewropej" għal proġetti ta' importanza partikolari sabiex jaġixxu bħala medjaturi fil-kuntatti mal-awtoritajiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali, l-operaturi u l-utenti tat-trasport u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. F'Ottubru 2006 twaqqfet Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA), inkarigata mit-tħejjijiet tekniċi u finanzjarji u l-monitoraġġ ta' deċiżjonijiet dwar proġetti ġestiti mill-Kummissjoni.

#### c. Ir-reviżjoni tal-2013: netwerk integrat, struttura fuq żewġ livelli (netwerk ewlieni/netwerk komprensiv) u kurituri TEN-T

Il-politika l-ġdida tal-UE dwar l-infrastruttura tat-trasport għandha l-għan li tittrasforma l-frammentazzjoni eżistenti ta' toroq, ferroviji, passaġġi fuq l-ilma interni, ajruporti, portijiet interni u marittimi u terminals ferrovjarji/tat-toroq f'netwerk integrat li jinkludi l-Istati Membri kollha. In-nuqqas ta' infrastruttura tat-trasport koerenti ta' dan it-tip jikkostitwixxi ostakolu serju għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Il-ħolqien ta' dan in-netwerk jirrikjedi t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' eluf ta' proġetti maħsuba biex jeliminaw ir-restrinġimenti eżistenti, joħolqu l-kollegamenti neqsin u jtejbu l-interoperabbiltà bejn modi ta' trasport differenti, kif ukoll bejn l-infrastrutturi tat-trasport reġjonali u dawk nazzjonali. Barra minn hekk, waħda mill-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-TEN-T hija l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, li għandhom rwol vitali fit-trasformazzjoni tat-trasport biex dan isir aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha u tinħoloq sistema aktar sikura, sostenibbli, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Il-politika l-ġdida tal-UE dwar l-infrastruttura tat-trasport tistabbilixxi, għall-ewwel darba, struttura fuq żewġ livelli għar-rotot tat-trasport tal-UE, li tinkludi netwerk komprensiv (li jiżgura konnessjonijiet effettivi mar-reġjuni kollha tal-UE) u netwerk ewlieni (magħmul mill-aktar elementi importanti tan-netwerk komprensiv). Il-proġetti marbuta man-netwerk komprensiv għandhom jiġu ffinalizzati sal-aħħar tal-2050, filwaqt li dawk li jiffurmaw parti min-netwerk ewlieni għandhom jissodisfaw il-kriterji tat-TEN-T sal-aħħar tal-2030.

Barra minn hekk, ġew introdotti disa' kurituri multimodali prinċipali bħala strument ta' politika ġdid biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni kkoordinata ta' proġetti marbuta man-netwerk ewlieni. Dawn il-kurituri huma maħsuba biex iġibu flimkien il-partijiet interessati pubbliċi u privati sabiex jingħaqdu r-riżorsi għall-iżvilupp tan-netwerk ewlieni. Sabiex ikun żgurat li l-kurituri jkunu implimentati b'mod effettiv u effiċjenti, kull wieħed huwa appoġġat minn koordinatur Ewropew.

Il-politika tat-TEN-T tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp tal-"Awtostradi tal-Baħar", kif ukoll fuq l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Trasport Ferrovjarju (ERTMS). Għalhekk, żewġ koordinaturi Ewropej addizzjonali, wieħed għal kull waħda mill-azzjonijiet imsemmija hawn fuq, inħatru sabiex imexxu l-proċess lejn it-twettiq armonizzat tagħhom. Fl-2015, kull wieħed mill-koordinaturi Ewropej fassal pjan ta' ħidma għal Awtostradi tal-Baħar jew kuritur ERTMS rispettivament. Dawn il-pjanijiet ta' ħidma għandhom jiġu aġġornati fuq bażi regolari, b'kont meħud tal-progress imwettaq fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, reviżjoni maġġuri tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni hija skedata biex issir fl-2023.

Fl-2014, l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport ingħatat l-isem ġdid ta' Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA). Minbarra l-issuktar tal-eżekuzzjoni tal-Programmi TEN-T u Marco Polo 2007-2013, hija kienet inkarigata wkoll mill-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u ta' partijiet minn Orizzont 2020, li huwa programm ieħor tal-UE li jipprovdi appoġġ għar-riċerka (inter alia) fil-qasam tat-trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat (għal aktar informazzjoni dwar il-finanzjament tat-TENs, ara 3.5.2).

**d.** It-tħejjija għar-reviżjoni li jmiss tat-TEN-T (prevista għall-2023)

F'Settembru 2018, il-Kummissjoni nediet konsultazzjonijiet pubbliċi biex teżamina l-progress miksub s'issa f'termini tal-implimentazzjoni tat-TEN-T, minn meta daħlu fis-seħħ il-linji gwida. L-evalwazzjoni qed issir bi tħejjija għar-reviżjoni tat-TEN-T fl-2023, u hija maħsuba wkoll biex tivvaluta l-effikaċja tal-politika tat-TEN-T f'oqsma ewlenin bħall-fjuwils alternattivi, id-diġitalizzazzjoni u t-trasport multimodali.

**2.** L-Enerġija

**a.** Il-linji gwida tal-1996

Fis-summit ta' Essen tal-1994, bosta proġetti ta' netwerks tal-enerġija ngħataw status ta' prijorità. Id-Deċiżjoni Nru 1254/96/KE tal-5 ta' Ġunju 1996 stabbiliet serje ta' linji gwida għan-netwerks tal-enerġija trans-Ewropej (TEN-E), maħsuba biex jippermettu lill-Komunità tidentifika proġetti eliġibbli ta' interess komuni u tgħin fil-ħolqien ta' qafas li jippermetti l-implimentazzjoni tagħhom, flimkien ma' objettivi settorjali għall-elettriku.

**b.** Il-linji gwida attwali

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tas-6 ta' Settembru 2006 introduċiet linji gwida ġodda għall-aġġornament tat-TEN-Es, u b'hekk ħassret il-linji gwida preċedenti tal-1996 u l-2003. L-objettivi attwali huma li jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista, li tiżdied is-sigurtà tal-provvista billi jissaħħu l-kollegamenti ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE (pajjiżi ta' adeżjoni u pajjiżi oħra fil-baċiri tal-Baħar Mediterran, tal-Baħar l-Iswed u tal-Baħar Kaspju kif ukoll pajjiżi fir-reġjuni tal-Lvant Nofsani u tal-Golf Persjan), li jiġu inkorporati netwerks tal-enerġija fl-Istati Membri l-ġodda, u li jiġi żgurat aċċess għat-TEN-Es għall-gżejjer u r-reġjuni mingħajr kosta u dawk periferiċi.

L-UE identifikat proġetti eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni u qasmithom fi tliet kategoriji: proġetti ta' interess komuni relatati man-netwerks tal-elettriku u tal-gass u li juru potenzjal ta' vijabbiltà ekonomika; PP li għandhom jingħataw prijorità meta jingħata l-finanzjament mill-Unjoni, u proġetti ta' interess Ewropew li huma wkoll PP u huma ta' natura transkonfinali jew għandhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità ta' trażmissjoni transkonfinali.

Il-prijoritajiet għal azzjoni f'dan il-qasam, li jridu jkunu kompatibbli mal-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli, jinkludu: (a) l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-iżgurar ta' kollegamenti aħjar bejn il-faċilitajiet li jipproduċuha; (b) l-użu ta' teknoloġiji aktar effikaċi li jillimitaw it-telf u r-riskji ambjentali assoċjati mat-trasport u t-trażmissjoni tal-enerġija; (c) l-istabbiliment ta' netwerks tal-enerġija f'reġjuni insulari u ultraperiferiċi filwaqt li tiġi promossa d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, u (d) l-iżgurar tal-interoperabbiltà tan-netwerks eżistenti tal-UE ma' dawk ta' Stati Membri ġodda u pajjiżi mhux tal-UE. L-Anness I tad-Deċiżjoni jidentifika 32 proġett ta' interess Ewropew għall-elettriku u 10 għall-gass, filwaqt li l-Annessi II u III jelenkaw 164 proġett għall-elettriku u 122 għall-gass.

Fil-qafas finanzjarju 2007-2013, ġie allokat total ta' EUR 155 miljun għat-TEN-Es. Fl-2007 nħatru erba' koordinaturi Ewropej.

It-titolu l-ġdid dwar l-enerġija fit-TFUE (l-Artikolu 194(1)(d)) jipprovdi bażi ġuridika solida għall-promozzjoni tal-interkonnessjonijiet tan-netwerks tal-enerġija.

**3.** It-telekomunikazzjoni

Id-Deċiżjoni Nru 2717/95/KE tad-9 ta' Novembru 1995 stabbiliet serje ta' linji gwida għall-iżvilupp tal-EURO-ISDN (Netwerk Diġitali ta' Servizzi Integrati) bħala TEN. Hija identifikat objettivi, prijoritajiet u proġetti ta' interess komuni għall-iżvilupp ta' firxa ta' servizzi, ibbażati fuq l-EURO-ISDN, bil-ħsieb ta' netwerk tal-komunikazzjoni broadband Ewropew fil-futur.

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tas-17 ta' Ġunju 1997 stabbiliet linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ew ropej (TEN-Telecom). Hija stabbiliet l-objettivi, il-prijoritajiet u l-linji prinċipali tal-miżuri previsti. Il-prijoritajiet adottati kienu jinkludu applikazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika u soċjali kif ukoll l-iżvilupp ta' netwerks bażiċi, partikolarment netwerks satellitari. Dawn il-linji gwida ġew modifikati kemmxejn bid-Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE tat-12 ta' Lulju 2002.

Il-linji gwida identifikaw proġetti ta' interess komuni u speċifikaw proċeduri u kriterji għall-għażla tagħhom. Il-programm Komunitarju eTEN, li huwa strument ewlieni tal-

pjan ta' azzjoni magħruf bħala "eEUROPE 2005: Soċjetà tal-informazzjoni għal kulħadd", ukoll kompla jibni fuq il-programm EURO-ISDN. Dan il-programm, li tlesta fl-2006, kellu bħala objettiv l-appoġġ tal-introduzzjoni fuq bażi trans-Ewropea ta' servizzi bbażati fuq in-netwerks tat-telekomunikazzjoni. L-investiment tal-UE attwalment huwa ffukat fuq il-modernizzazzjoni tan-netwerks eżistenti.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament appoġġa bis-sħiħ il-politiki TEN, u ġibed l-attenzjoni regolarment dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-PP, appella għal skadenzi stretti, u talab lill-Istati Membri jżidu r-riżorsi baġitarji disponibbli, b'mod partikolari għan-netwerk TEN-T. Huwa żgura li tingħata prijorità lill-promozzjoni ta' proġetti b' "valur miżjud Ewropew" ċar li għandhom effetti pożittivi u fit-tul fuq l-ambjent u l-impjiegi u li jneħħu r-restrinġimenti tat-traffiku, b'mod partikolari fit-trasport bil-ferrovija u dak ikkombinat.

Bl-adozzjoni tar-rapport ta' inizjattiva proprja "Inżommu l-Ewropa miexja - il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna"[1] tal-2007, il-Parlament evalwa s-sitwazzjoni u stabbilixxa objettivi ġodda, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitlesta t-TEN kollu sabiex isir l-aħjar użu mill-modi ta' trasport kollha ("komodalità"), u jitqassam mill-ġdid il-bilanċ bejn il-modi ("trasferiment modali") sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport. Huwa ħeġġeġ it-trasport bil-ferrovija, bil-karozzi tal-linja u bil-baħar, li għadhom jirrappreżentaw sehem żgħir mis-suq.

Barra minn hekk, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2009 dwar il-Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika TEN-T[2], il-Parlament tenna t-talba tiegħu li tingħata prijorità lill-ferroviji (partikolarment għat-trasport tal-merkanzija), lill-portijiet, lill-passaġġi fuq l-ilma interni u marittimi sostenibbli, u l-konnessjonijiet maż-żoni interni tagħhom, u nodi intermodali fil-kollegamenti infrastrutturali ma' Stati Membri ġodda u pajjiżi mhux membri tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Parlament qiegħed jinkoraġġixxi l-estensjoni tat-TEN-T għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għall-pajjiżi sħab Mediterranji.

Matul l-aħħar 15-il sena, il-Parlament għen fir-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni doppja fil-qasam tat-TEN-T. Flimkien mal-Kunsill, huwa adotta, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tas-7 ta' Lulju 2010 li tifformula mill-ġdid il-linji gwida TEN-T. Din ħassret id-Deċiżjonijiet Nru 1692/96/KE, Nru 1346/2001/KE u Nru 884/2004/KE u fiha ddaħħal anness ġdid li fih mapep tas-27 Stat Membru u li jistipula d-data fil-mira għall-istabbiliment tan-netwerk f'dawn il-pajjiżi kollha.

Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Parlament approva l-linji gwida TEN-T il-ġodda abbażi ta' miri preċiżi u żied il-finanzjament tal-UE, u ddefinixxa viżjoni ċara għat-twaqqif tan-netwerk tat-trasport ewlieni u dak komprensiv, bl-2030 u l-2050 bħala dati fil-mira rispettivament. Il-Parlament insista, fost affarijiet oħra, li l-għażla tal-proġetti tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' valur miżjud tal-UE (li jirriżulta minn għażliet ta' politika u/jew minn interventi finanzjarji li jwasslu għal titjib sinifikanti u li jista' jitkejjel fil-konnessjonijiet tat-trasport u fil-flussi tat-trasport). Barra minn hekk, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa li tiġi definita "analiżi tal-kost-benefiċċji mil-lat soċjoekonomiku" bħala valutazzjoni

[1]ĠU C 175 E, 24.7.2008, p. 556.
[2]ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 35.

kwantifikata *ex-ante* li titwettaq abbażi ta' metodoloġija armonizzata tal-valur ta' proġett jew programm. Fil-fehma tal-Parlament, il-metodoloġija għandha tqis ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali kollha, u sservi bħala indikatur tal-kontribut għall-benesseri.

Wara li r-Regolament TEN-T (ir-Regolament Nru 1315/2013) daħal fis-seħħ fi tmiem l-2013, il-Parlament kompla jagħti l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp tat-TEN-T. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli"[3], il-Parlament enfasizza l-importanza tat-trasport għall-ekonomija u għall-mobbiltà taċ-ċittadini, filwaqt li enfasizza wkoll il-ħtieġa li jsir investiment fl-infrastruttura. Fil-fehma tal-Parlament, l-ikkompletar tat-TEN-T huwa prekundizzjoni għal sistema tat-trasport Ewropea sostenibbli u effiċjenti, u għandu jiġi appoġġat kemm mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif ukoll mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Fl-2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk TEN-T. Il-Parlament adotta d-deċiżjoni tiegħu fl-ewwel qari fi Frar tal-2019 u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għadha għaddejja (2018/0138(COD)).

Esteban Coito / Frédéric Gouardères
02/2020

[3]ĠU C 316, 22.9.2017, p. 155.